



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0083/2023**

11.1.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-difiża tal-produzzjoni ta' vetturi bil-mutur u d-diskriminazzjoni u l-limitazzjoni tad-drittijiet li għalihom huma soġġetti ċ-ċittadini tal-Ewropa u mhux dawk ta' kontinenti oħra bħall-Afrika

**Jorge Buxadé Villalba, Mazaly Aguilar, Hermann Tertsch, Margarita de la Pisa Carrión**

**Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-difiża tal-produzzjoni ta' vetturi bil-mutur u d-diskriminazzjoni u l-limitazzjoni tad-drittijiet li għalihom huma soġġetti ċ-ċittadini tal-Ewropa u mhux dawk ta' kontinenti oħra bħall-Afrika**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Kummissarju Thierry Breton fl-10 ta' Jannar 2023 f'Madrid fid-diskors tiegħu matul il-Nueva Economía Forum (il-Forum għall-Ekonomija l-Ġdida),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kummissarju huwa tal-fehma li l-manifatturi tal-karozzi Ewropej għandhom ikomplu jipproduċu vetturi b'magna tal-kombustjoni biex jinbiegħu f'kontinenti oħra;
- B. billi l-ammonti mogħtija lil pajjiżi terzi għall-allegati tranżizzjonijiet ekoloġiċi tagħhom huma enormi;
- C. billi l-projbizzjoni tal-magni tal-kombustjoni fl-Ewropa twieġeb għal viżjoni fanatizzata tal-ambjent u tfaqqar il-klassijiet medji u popolari tal-Ewropa;
- 1. Jikkritika lill-Kummissarju Thierry Breton u jikkritika l-ipokrisija tad-dikjarazzjonijiet tiegħu li jhegħgu lill-kumpaniji Ewropej ibigħu l-magni tal-kombustjoni "niġġiesa" tagħhom lil kontinenti oħra, peress li fl-Afrika, għall-kuntrarju tal-Ewropa, dawn il-magni ma jidhrux li huma ta' ħsara għas-saħħa;
- 2. Jirrifjuta kwalunkwe azzjoni mill-Kulleġġ tal-Kummissarji li tista' tinftiehem bħala kolonjaliżmu klimatiku ġdid.